

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

11147/23

ECOFIN 672
UEM 206
SOC 498
EMPL 349
COMPET 693
ENV 772
EDUC 285
RECH 317
ENER 408
JAI 918
GENDER 149
ANTIDISCRIM 143
JEUN 187
SAN 424

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9842/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 617 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 617 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Ungerija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-Ungerija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lill-Ungerija bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi. Inkwantu tali, ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettata u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fil-11 ta' Mejju 2021, l-Ungerija ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Ungerija tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggġgħet lura.

⁶ ST 15447/22; ST 15447/22 ADD 1.

- (10) Fit-2 ta' Mejju 2023, l-Ungerija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Ungerija dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu. Fl-1 ta' Ġunju 2023, daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar is-sistema ġudizzjarja.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Ungerija. Hija vvalutat il-progress tal-Ungerija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tal-Ungerija tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Ungerija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Ungerija u ppubblikat ir-risultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ungerija qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati ma' pressjonijiet qawwija ħafna fuq il-prezzijiet u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-gvern żdiedu u huma sinifikanti. L-inflazzjoni għoliet b'mod sinifikanti u għadha ma bdiex timmodera b'mod viżibbli. Jekk l-inflazzjoni tibqa' elevata għal perjodu estenz, tkompli ddgħajjef il-kompetittività fil-kostijiet u tista' tħalli kostijiet ta' finanzjament elevati. Id-defiċit fil-kont kurrenti kbir żdied b'mod qawwi mill-prezzijiet oġhla tal-enerġija fl-2022, u għola d-dejn estern fuq terminu qasir. It-titjib fil-kont kurrenti fl-2023 u fl-2024 jiddependi fuq il-moderazzjoni ulterjuri mistennija tal-prezzijiet tal-enerġija, iżda d-defiċit fil-kont kurrenti huwa madankollu mbassar li jibqa' mhux negliġibbli fl-2023 u fl-2024. L-intensità enerġetika għolja tal-ekonomika hija importanti għad-dinamika tal-kont kurrenti. Id-defiċit tal-gvern kien kbir, b'parti biss minnu xprunat mir-risponsi ta' politika għall-pandemija u l-kriżi tal-enerġija, u jammonta għal ħafna mis-self estern tal-ekonomija. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern naqas bis-saħħa ta' tkabbir tal-PDG nominali sinifikanti, iżda dak jista' jiġi sfidat minn tnaqqis fl-attività u l-persistenza ta' defiċits għoljin. Il-kostijiet tas-self sovrani żdiedu mill-2021, u l-gvern qed jiffaċċa piż tal-interessi li qed jiżdied, filwaqt li l-maturità tad-dejn għadha relattivament baxx. Il-prezzijiet tad-djar irduppjaw matul ħames snin iżda ż-żidiet fil-prezzijiet waqfu fl-aħħar tal-2022. Madankollu, il-probabbiltà ta' tnaqqis fil-prezzijiet nominali sostanzjali tidher limitata fost dejn baxx tal-unitajiet domestiċi, kif ukoll fid-dawl tal-ambjent attwali ta' inflazzjoni għolja. L-inkonsistenzi ta' politika aggravaw il-vulnerabbiltajiet identifikati. Il-koordinazzjoni effettiva u d-demarkazzjoni ċara ta' politiki makroekonomiċi, mirfuda minn qafas ta' politika istituzzjonali b'saħħtu, huma strumentali biex jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fiskali u esterna kif ukoll biex jankraw l-aspettattivi. L-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' riformi strutturali inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija mistennija li tgħin tnaqqas il-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi u tappoġġa t-tkabbir u l-aġġustament fuq terminu medju.

(13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Ungerija naqas minn 7.1 % tal-PDG fl-2021 għal 6.2 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 76.6 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 73.3 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Ungerija, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. L-Ungerija jenħtieġ li tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha tal-2023 u fit-tnejn tal-baġit tagħha għall-2024.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul inkludew tnaqqis fid-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils, filwaqt li tali miżuri ta' politika fiskali li jżidu n-nefqa inkludew sussidji lil kumpaniji tal-utilitajiet għat-telfiet imġarrba minħabba limiti massimi fuq il-prezzijiet tal-enerġija residenzjali, u skemi ta' appoġġ għal kumpaniji intensivi fl-enerġija. Il-kost ta' dawk il-miżuri ġie kkumpensat parzjalment minn taxxi ġodda fuq profitti straordinarji mhux mistennija ta' produtturi u fornituri tal-enerġija, jiġifieri taxxa temporanja fuq il-marġni bejn iż-żejt Brent u ż-żejt Urals, taxxa temporanja fuq l-introjtu ta' fornituri tal-enerġija u żieda temporanja fir-royalty għall-estrazzjoni ta' minerali. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri huwa ta' 1.0 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.1 % tal-PDG fl-2022, minn 1.9 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 l-Ungerija⁷ iżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2021 (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 78).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet ta' appoġġ, fil-livell ta' -0.4 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Ungerija kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.5 % tal-PDG fl-2022 (2.1 % tal-PDG fl-2021). It-tnaqqis fin-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni fl-2022 kien dovut għal assorbiment aktar baxx tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej. L-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.2 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Għalhekk, l-Ungerija ma ppreservatx l-investiment iffinanzjat nazzjonali, li mhuwiex konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.6 % punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. L-Ungerija għalhekk żammet b'mod suffiċjenti taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali pprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.7 % punti perċentwali tal-PDG, li hija xprunata mill-impatt tax-xiri ta' ħażniet tal-gass minn entità speċjali kklassifikata bħala parti mill-gvern estiż.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023 huwa aktar favorevoli mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.5 % fl-2023 u b'4.0 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 0.5 % fl-2023 u 2.8 % fl-2024, prinċipalment minħabba tkabbir aktar baxx mistenni fil-konsum privat xprunat minn tkabbir aktar baxx mistenni fil-pagi nominali u rata tal-qgħad kemxejn ogħla. Il-Kummissjoni tipprojetta wkoll tkabbir aktar baxx fil-konsum tal-gvern u fl-esportazzjonijiet netti. It-tkabbir tal-PDG nominali pprojettat mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa aktar baxx tul il-perjodu ta' tbassir minħabba t-tkabbir aktar baxx mistenni tal-PDG u d-deflatur tal-PDG.
- (18) Fil-Programm Konverġenza tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li l-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż ser jonqos għal 3.9 % tal-PDG fl-2023. It-tnaqqis fl-2023 fil-biċċa l-kbira tiegħu jirrifletti dħul mit-taxxa ogħla xprunat mill-inflazzjoni għolja u t-taxxi temporanji fuq profitti straordinarji mhux mistennija u settorjali stmati fil-livell ta' 1.5 % tal-PDG fl-2023. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 73.3 % fi tmiem l-2022 għal 69.7 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.0 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon ogħla tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż, ta' 70.7 % fl-aħħar tal-2023. Id-differenza hija minħabba t-tkabbir tal-PDG aktar baxx u d-deflatur tal-PDG fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

- (19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari sussidji lil kumpaniji tal-utilitajiet għat-telfiet imġarrba minħabba limiti massimi fuq il-prezzijiet tal-enerġija residenzjali u skemi ta' appoġġ għal kumpaniji intensivi fl-enerġija. Il-kost ta' dawk il-miżuri ikompli jiġi kkompensat parzjalment minn taxxi fuq profitti straordinarji mhux mistennija ta' fornituri tal-enerġija. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.2 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u l-biċċa l-kbira tagħhom ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżied l-effiċjenza fl-enerġija. B'risultat ta' dan, l-ebda miżura ta' appoġġ immirata ma għandha titqies fil-valutazzjoni ta' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹.
- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Ungerija tiegħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹², filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Ungerija tkun lesta li taġġusta n-nefqa kurrenti għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Għe rakkomandat lill-Ungerija wkoll biex tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹⁰ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2022 (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 136).

¹² Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Ungerija, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 16.6 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+4.2 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-0.4 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 2.2 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Għalhekk, it-tkabbir ipprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 2.3 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.6 punt perċentwali¹³. Għalhekk, l-Ungerija qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, għalkemm mhijiex ipprojetjata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija qed tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-iżvilupp tal-grilja elettrika, il-modernizzazzjoni tal-ferroviji suburbani, l-appoġġ għall-użu ta' pannelli fotovoltajċi residenzjali, il-forniment ta' laptops lil għalliema u studenti fi skejjel sekondarji tal-ewwel u tat-tieni livell u miżuri ta' diġitalizzazzjoni fil-kura tas-saħħa, li huma ffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 2.2 punt perċentwali tal-PDG. It-tnaqqis qawwi f'nefqa kapitali oħra fl-2023 huwa relatat mal-impatt kbir tax-xiri ta' ħażniet tal-gass minn entità speċjali klassifikata bħala parti mill-gvern estiż fl-2022.

- (22) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos għal 2.9 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 fil-biċċa l-kbira tiegħu jirrifletti tnaqqis sinifikanti fin-nefqa tal-gvern estiż bħala sehem mill-PDG, b'mod partikolari fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, il-konsum intermedju u l-kumpens lill-impjegati. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 66.7 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 4.4 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa oġġla mid-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023, fil-biċċa l-kbira minħabba nefqa pprojetjata oġġla fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss f'konformità ma' xejriet reċenti u konsum intermedju oġġla xprunat minn pressjonijiet inflazzjonarji persistenti. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon oġġla tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 71.1 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali ta' wħud mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi l-kost nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fil-livell ta' 0.4 % tal-PDG fl-2024, meta mqabbel ma' 1.2 % tal-PDG fl-2023. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux immirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Dawn ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁴. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li d-defiċit jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁵ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx l-4.4 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inflazzjoni sottostanti, li hija ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni, u li tista' twassal għal telf fil-kompetittività jekk dawn ikunu persistenti, u s-salvagwardja tal-pożizzjoni esterna. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.2 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024.

¹⁴ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali tikber b'7.0 % fl-2024, li huwa oġhla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, li huwa minħabba nefqa oġhla fuq il-konsum intermedju u fuq il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss u t-tneħħija gradwali mistennija tat-taxxi temporanji fuq profitti straordinarji mhux mistennija u settorjali.
- (26) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 5.1 % tal-PDG fl-2023 għal 3.7 % tal-PDG fl-2024. L-investment aktar baxx jirrifletti investment iffinanzjat anqas fil-livell nazzjonali u mill-Unjoni.
- (27) Il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2027. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni jonqos b'mod gradwali għal 1.9 % tal-PDG fl-2025, 1.4 % fl-2026 u 0.9 % fl-2027. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG tul il-perjodu tal-Programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 66.7 % fi tmiem l-2024 għal 56.3 % sa tmiem l-2027.

(28) Il-politiki monetarji, fiskali u ta' żvilupp ekonomiku rrispondew għall-isfidi ekonomiċi reċenti b'mod mhux ikkoordinat, li dgħajjef l-effettività tar-rispons ġenerali ta' politika. Il-politika monetarja bdiet tissikka fl-2021, iżda l-espansjoni fiskali kompliet għaddejja sal-bidu tal-2022. Diversi miżuri temporanji ta' politika introdotti mill-2021 kellhom l-għan li jippreservaw il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi b'mod mhux immirat, permezz ta' limiti massimi tal-prezzijiet u tar-rata tal-imgħax u sussidji tal-enerġija fiskalment għoljin. Il-limiti massimi ġew introdotti fuq fjuwils tal-magni u ċerti oġġett tal-ikel bażiċi. Il-limiti massimi tar-rata tal-imgħax ġew introdotti fuq ipoteki b'rata varjabbli, is-self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ċertu self għall-istudenti, u d-depożiti bankarji kbar. Il-biċċa l-kbira ta' dawk il-miżuri ser jiskadu fl-2023. Il-kost tal-miżuri fil-biċċa l-kbira ġġarrab minn kumpaniji u mis-settur finanzjarju, permezz ta' taxxi indiretti ogħla, u l-effetti distorsivi tagħhom ikkontribwew għal produzzjoni domestika aktar baxxa u prezzijiet ogħla bejn prodotti mhux direttament affettwati mil-limiti massimi. Huma fixklu wkoll l-aġġustament tad-domanda għal ambjent ekonomiku ġdid. Il-politiki tal-iżvilupp ekonomiku ddependew fuq skemi ta' self issussidjat biex jgħinu lill-kumpaniji jaġġustaw għal skossi ekonomiċi. Skema ta' self issussidjat kbira b'rati tal-imgħax fissi tnediet fi Frar 2023, biex tappoġġa lill-kumpaniji li jiffaċċaw kostijiet tal-enerġija li qed jogħlew. Il-limiti massimi tal-prezzijiet u tar-rata tal-imgħax u s-self issussidjat kontrobilanċjaw l-isforzi ta' politika monetarja biex titnaqqas l-inflazzjoni, fost oħrajn billi jnaqqsu l-effettività tal-istrumenti tal-bank ċentrali. Il-Bank Ċentrali Ewropew sab li ċerti miżuri regolatorji, inkluż il-limitu massimu tar-rati tad-depożiti bankarji, jimpedixxu t-twetiq ta' politika monetarja effiċjenti.

- (29) Dgħufijiet fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-baġit żiedu l-preġudizzju espansjonarju tal-politika fiskali u għalhekk ikkontribwew għal ħafna mill-isfidi makroekonomiċi attwali tal-Ungerija. Mill-2016, l-adozzjoni bikrija ħafna ta' baġits annwali naqqset il-kwalità tat-tbassiriet makroekonomiċi u baġitarji. Diversi regoli tal-flessibbiltà baġitarja u riżervi tal-baġit kbar ippermettew nefqa diskrezzjonarja oġhla, li aggravat il-proċikliċità tal-politika fiskali. Deċiżjonijiet ad hoc dwar in-nefqa ttieħdu ħafna drabi fi tmiem is-sena tal-baġit jew ġew promulgati b'digriet tal-gvern matul is-sena mingħajr sorveljanza parlamentari u konsultazzjoni pubblika adegwati, li min-naħa tagħhom naqqsu t-trasparenza baġitarja. Il-qafas fiskali nazzjonali ma evitax defiċits pubbliċi għoljin minħabba nuqqasijiet fit-tfassil ta' regoli fiskali domestiċi, inkluża regola dwar id-dejn b'karatteristiċi proċikliċi, l-infurzar dgħajjef tal-ippjanar baġitarju fuq terminu medju, li kompli jnaqqas ir-rwol speċjali tar-reġim ta' "stat ta' periklu", u r-rwol u r-riżorsi limitati tal-kunsill fiskali nazzjonali. Il-mandat u r-riżorsi limitati tal-kunsill fiskali nazzjonali u jillimitaw l-effettività tiegħu fil-gwida ta' ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar kwistjonijiet fiskali.
- (30) Il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'mod qawwi fl-Ungerija fl-aħħar deċennju, filwaqt li l-provvista tal-akkomodazzjoni baqgħet limitata. Skemi ta' sussidju mmirat ta' kull ġimgħa għax-xiri tad-djar, disponibbli wkoll għal unitajiet domestiċi b'introjtu oġhla li diġà għandhom unità tal-abitazzjoni, ikkontribwew għal żidiet reċenti fil-prezzijiet. Sussidji fuq il-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni, inklużi għotjiet, self issussidjat u rati preferenzjali tal-VAT, huma bl-istess mod mhux immirati.

(31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. F'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Ungerija esprimiet l-intenzjoni tagħha li titlob sa EUR 6 600 000 000 ta' appoġġ b'self addizzjonali skont il-Faċilità. Li niproċedu b'mod rapidu bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza hija essenzjali minħabba n-natura temporanja tal-Faċilità fis-seħħ sal-2026. Huwa importanti bl-istess mod għall-Ungerija li tiżgura kapacià amministrattiva adegwata biex twettaq l-impenji tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġettivi strateġiċi tal-Ungerija fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involvement sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġionali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija ddewmet b'mod sinifikanti minħabba l-adozzjoni tardiva tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija f'Diċembru 2022. Implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tirrikjedi l-issodisfar tas-27 stadju importanti relatati mat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja u s-salvagwardja tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Mhuwa possibbli l-ebda pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza sakemm dawn l-istadji importanti huma implimentati b'mod sħiħ u korrett. L-allokazzjoni tal-għotja REPowerEU tal-Ungerija tammonta għal EUR 701.6 miljun. L-Ungerija qed tippjana li tuża l-għotja REPowerEU u self addizzjonali għal investimenti relatati mal-enerġija.

- (32) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Ungerija fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fl-Ungerija.
- (33) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, l-Ungerija qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-faqar, il-kompetizzjoni fis-suq tax-xogħol fis-servizzi u l-enerġija.
- (34) Filwaqt li l-indikaturi tal-faqar ġenerali tjiebu matul l-aħħar deċennju, marret għall-agħar is-sitwazzjoni relattiva ta' ċerti gruppi żvantaġġati, bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, tfal, persuni b'diżabbiltà, Rom u persuni li jgħixu f'stabbilimenti rurali remoti. Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali estremi hija waħda mill-ogħla fl-Unjoni, b'disparitajiet sinifikanti bejn ir-reġjuni. Hija partikolarment għolja fost it-tfal u r-Rom. Il-gruppi żvantaġġati jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw assistenza soċjali adegwata, l-educazzjoni, il-kura tas-saħħa u servizzi ta' tfittix ta' impjieg. L-unitajiet domestiċi mingħajr introjtu stabbli jiffaċċjaw xibka ta' sikurezza soċjali li qed tiddgħajjef. Is-sistema tat-taxxa hija ta' piż sproporzjonat għall-ħaddiema b'paga aktar baxxa. Is-sorsi ewlenin ta' introjtu għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx ma laħħqux mal-għoli tal-ħajja f'dan l-aħħar deċennju. L-adeqwatezza tal-introjtu minimu hija waħda mill-aktar baxxi fl-Unjoni. Iż-żidiet reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel jitfgħu piż sproporzjonat fuq ħaddiema b'paga baxxa, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ huma fil-biċċa l-kbira mhux immirati. L-emenda reċenti tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali naqqset ir-responsabbiltà tal-Istat li jipprovdi l-kura soċjali.

- (35) Ir-rata ewlenija ta' impjieg hija relattivament għolja, iżda ċerti gruppi żvantaġġati bħar-Rom, persuni b'livell baxx ta' ħiliet, nisa b'responsabbiltajiet ta' kura u persuni b'diżabbiltà jiffaċċaw diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol miftuħ minħabba d-dgħufijiet fis-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-assistenza soċjali u fl-istrutturi ta' appoġġ għal persuni li qed ifittxu impjieg. Id-differenzi fir-rata ta' impjieg għal persuni b'livell baxx ta' ħiliet, ir-Rom u persuni b'diżabbiltà għadhom persistentement kbar. Waħda minn ħames nisa li qed ifittxu impjieg bi ħlas titħalla barra mis-suq tax-xogħol minħabba responsabbiltajiet ta' kura għal tfal jew dipendenti b'diżabbiltà. Il-benefiċċji u l-aċċess għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol effettivi għal gruppi żvantaġġati mhumiex adegwati. It-tul tal-benefiċċju tal-qgħad huwa ta' tliet xhur, filwaqt li t-tul medju tal-qgħad kien ta' 9.4 xhur, skont id-data minn stħarriġ dwar il-forza tax-xogħol li twettaq fl-2022. Erbgħa minn kull għaxar persuni qiegħda rreġistrati huma mingħajr benefiċċji. Il-medja twila ta' reġistrazzjoni tindika sfidi ta' kapaċità fis-servizz pubbliku tal-impjieg. Is-sehem ta' persuni li qed ifittxu impjieg b'ħiliet bażiċi baxxi huwa aktar mid-doppju meta mqabbel mal-medja nazzjonali. Is-sehem ta' adulti li jipparteċipaw fit-tagħlim għadu baxx b'mod partikolari fost persuni b'livell baxx ta' ħiliet u persuni qiegħda.
- (36) Id-djalogu soċjali għadu fost l-aktar dgħajjef fl-Unjoni u dan l-aħħar kompli jiddeterjora. Il-korp tripartitiku ewlieni jservi prinċipalment bħala forum għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-konsultazzjoni u ma għandu l-ebda qafas legali formali, mingħajr djalogu sinifikattiv ħlief għall-iffissar tal-paga minima. Filwaqt li n-nuqqas ta' għalliema huwa sfida li qed tiżdied, dispożizzjonijiet legali ġodda rażżnu d-dritt tal-għalliema għal azzjoni kollettiva u wessgħu l-possibbiltà tal-impjegaturi li jkeċċu b'mod retroattiv għalliema li jipparteċipaw f'diżubbidjenza ċivili biex jipprotestaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Riformi reċenti, introdotti mingħajr djalogu sinifikanti mal-unions rilevanti, affettwaw b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tax-xogħol u dgħajfu l-awtorappreżentanza għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa.

(37) Dan l-aħħar, kien hemm każijiet ta' interferenza pubblika f'għadd ta' swieq, li dgħajfu ċ-ċertezza legali. Dawk l-interventi kellhom it-tendenza li jiskoraġġixxu jew jillimitaw l-investment barrani u dak tal-Unjoni f'ċerti swieq, u ppermettew ix-xiri ta' kumpaniji minn intrapriżi tal-Istat jew ditti privati b'rabtiet mill-qrib mal-gvern. L-interventi jaffettwaw wkoll serjament il-prinċipji tas-suq uniku u tal-istat tad-dritt, li jrażżan l-opportunitajiet għal tkabbir ekonomiku sostenibbli. Pereżempju, ditti u industrij speċifiċi jiffaċċjaw trattament diskriminatorju permezz ta' taxxi mfassla apposta, limiti massimi tal-prezz u regolamenti imposti fi żmien qasir u mingħajr konsultazzjoni minn qabel. Mill-2020, il-gvern uża wkoll is-setgħa straordinarja tiegħu skont l-"istat ta' periklu" biex jintroduċi tali miżuri. Id-dħul tal-baġit minn taxxi speċifiċi għas-settur huwa sinifikanti. Pereżempju, dan l-aħħar il-gvern impona limiti massimi tal-prezz amministrattivi u taxxa fuq il-profit ta' 90 % fuq il-produzzjoni tas-siment u l-materjali taċ-ċeramika. Dawn huma industrij b'livell għoli ta' sjeda barranija. F'Diċembru 2022, il-gvern żied f'daqqa t-taxxa fuq il-kumpaniji farmaċewtiċi u tal-assigurazzjoni. Il-banek tgħabbew b'limitu massimu fuq ir-rati flessibbli tas-self ipotekarju, li kellu impatt fuq il-kapaċità tagħhom li jsellfu u l-profittabbiltà tagħhom. Intużaw spezzjonijiet amministrattivi, multi u ż-żamma ta' permessi selettivi u arbitrarji biex tiġi eżerċitata pressjoni żejda fuq ċerti kumpaniji, b'mod partikolari fil-bejgħ bl-imnut u t-trasport. Jidher li hemm nuqqas ta' rimedji effettivi kontra miżuri arbitrarji li jittieħdu mill-awtoritajiet. Is-settur tal-bejgħ bl-imnut għadu qed jiffaċċa regolamenti imprevedibbli. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-istabbiliment jew tal-bidliet fi ħwienet ta' aktar minn 400 metru kwadru ma jidhrux li huma trasparenti, u hija dubjuża d-disponibbiltà ta' s'ħarriġ ġudizzjarju. It-taxxa fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut titfa' piż sproporzjonat fuq kumpaniji akbar li ma għandhomx is-sede tagħhom fl-Ungerija. Il-Gvern spiss juża s-setgħa tiegħu biex jeżenta tranżazzjonijiet mill-kontroll tal-amalgamazzjonijiet.

L-impatt ta' tali tranżazzjonijiet fuq l-ekonomija, il-kompetizzjoni u s-suq uniku mhux qed jiġi vvalutat. Il-kriterji għall-eżenzjonijiet mhumiex stabbiliti b'mod trasparenti, u ma hemm l-ebda proċedura formali biex jiġu kkontestati daww il-kriterji jew id-deċiżjoni nnifisha. Bħala riżultat tal-interventi, żdiedet is-sjieda domestika mill-Istat jew favur l-Istat fis-settur bankarju, tat-telekomunikazzjoni, tal-utilitajiet, tal-media, tat-televiżjoni, tax-xandir bir-radju għad-detriment tas-sjieda barranija. Fuq il-bażi ta' tħabbiriet minn membri tal-gvern, jistgħu jkunu mistennija tranżazzjonijiet simili fis-settur tal-assigurazzjoni, tal-bejgħ bl-imnut u tat-trasport, b'mod partikolari rigward l-Ajruport ta' Budapest. Il-preżenza mnaqqsa ta' kapital u għarfien Prattiku barrani, b'mod partikolari f'industriji b'valur miżjud għoli bħall-banek u t-telekomunikazzjoni, ttriskja li trażżan l-opportunitajiet tal-Ungerija għat-tkabbir tal-produttività u l-innovazzjoni.

(38) It-taħlita enerġetika tal-Ungerija hija ddeterminata miż-żejt u l-gass, li kull wieħed minnhom jammonta għal madwar terz tal-użu ġenerali tal-enerġija. Is-sorsi tal-enerġija nukleari u dawk rinnovabbli għandhom sehem ta' 15 % u madwar 14 %, rispettivament. L-Ungerija tkompli tiddependi ħafna fuq ir-Russja għal fjuwils fossili kif ukoll l-enerġija nukleari u l-isforzi tagħha biex titbiegħed mid-dipendenza Russa huma kajmani. Tliet kwarti tal-konsum domestiku tal-gass huwa kopert mill-importazzjonijiet mir-Russja. Fl-2021, l-Ungerija ffirmat ftehim fit-tul dwar il-provvista tal-gass ma' Gazprom u emenda għalih ġiet innegojzjata f'April 2023, b'opzjoni għal kwantitajiet addizzjonali. It-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi ser jirrikjedi azzjoni addizzjonali sinifikanti b'mod partikolari biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, inkluż fejn meħtieġ fl-infrastruttura, biex jiġi żgurat l-aċċess għal sorsi alternattivi ta' fjuwils fossili. L-elettrifikazzjoni u l-investiment previst f'industriji intensivi fl-enerġija ser iżidu l-ħtieġa għall-produzzjoni tal-elettriku. Minkejja ż-żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-enerġija solari matul dawn l-aħħar snin, is-sehem tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli għadu wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni. L-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ ġiet sospiża u hija mistennija li tibda mill-ġdid wara t-tneħħija ta' restrizzjonijiet legali. L-enerġija ġeotermali ma ġietx utillizzata biżżejjed. L-ambjent regolatorju li qed jinbidel spiss jgħid diversi sfidi għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet tal-kapaċità tal-grilja tal-elettriku jgħolqu ostaklu sinifikanti għall-konnessjoni ta' sorsi rinnovabbli mal-grilja, filwaqt li n-nuqqas ta' soluzzjonijiet ta' flessibilità min-naħa tad-domanda u tal-provvista, u l-awtonomizzazzjoni limitata tal-konsumatur jgħolqu restrizzjoni kbira fuq l-iżvilupp ta' produzzjoni tal-elettriku nadifa u rinnovabbli. L-integrazzjoni subottimali fis-suq tal-ibbilanċjar tal-Unjoni hija wkoll opportunità mitlufa biex tiġi ottimizzata l-grilja għal kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli.

- (39) L-Ungerija għandha potenzjal sinifikanti fl-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini residenzjali. Il-konsum tal-Ungerija tal-gass naturali naqas b'20 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum tal-gass medju matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira għat-tnaqqis ta' 15 % stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁶, anki minħabba miżuri fis-settur pubbliku u l-emenda tas-sistema tal-limiti massimi tal-prezz tal-enerġija applikata għall-unitajiet domestiċi. L-Ungerija hija inkoraġġuta tkompli ssegwi l-isforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda tal-gass sal-31 ta' Marzu 2024, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706¹⁷. Madankollu, minkejja l-bidliet reċenti, is-sistema amministrattiva tal-prezzijiet tal-enerġija għadha ma tippermettix li s-sinjali tal-prezz jaħdmu sew u joħolqu inċentivi suffiċjenti għall-iffrankar tal-enerġija. Il-limiti massimi tal-prezzijiet huma applikati b'mod uniformi għall-unitajiet domestiċi kollha. L-unitajiet domestiċi b'introjtu għoli jibbenefikaw ukoll mill-prezz amministrattiv issussidjat, filwaqt li l-familji b'introjtu baxx spiss jgħixu fi djar inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Skemi mmirati għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx ikunu aktar effiċjenti, kemm fl-appoġġ ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli kif ukoll fil-ġenerazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija.
- (40) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema fl-Ungerija għal 31 okkupazzjoni li jirrikjedu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-istess ħin, il-parteciġazzjoni tal-ħaddiema fit-taħriġ fl-industriji intensivi fl-enerġija naqset b'mod sinifikanti u issa hija taħt il-medja tal-Unjoni.

¹⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

¹⁷ Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tiħi tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (41) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 u l-opinjoni¹⁸ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).
- (42) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet b'rabta ma' pressjonijiet qawwija ħafna fuq il-prezzijiet u l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern u tal-gvern. Ir-rakkomandazzjonijiet (2) u (4) jikkontribwixxu għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1),

¹⁸ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ungerija tieġu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 4.4 %¹⁹.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Issegwi l-koordinazzjoni effettiva u d-demarkazzjoni ċara ta' politiki makroekonomiċi sabiex tiżgura is-sostenibbiltà fiskali u esterna. Tneħħi gradwalment il-limiti massimi tal-prezzijiet u tar-rata tal-ingħax sabiex tnaqqas l-effetti distorsivi u tiffaċilita t-trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja. Timmira l-miżuri ta' appoġġ fis-settur tal-akkomodazzjoni lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Issaħħaħ il-qafas baġitarju ta' terminu medju, tallinja t-tnejjija ta' baġits annwali mas-sena baġitarja, u tillimita d-diskrezzjoni fl-implimentazzjoni ta' baġits annwali.

¹⁹ Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

2. Tissodisfa b'mod urġenti l-istadji importanti u l-miri meħtieġa relatati mat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja u s-salvagwardja tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex tippermetti l-implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha. Tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda b'mod rapidu l-implimentazzjoni tiegħu. Tkompli bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Ittejjeb l-adekwatezza tas-sistema ta' assistenza soċjali, inklużi l-benefiċċji tal-qgħad. Ittejjeb l-aċċess għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol effettiv, b'mod partikolari opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet għall-gruppi l-aktar żvantaġġati, u tiżgura djalogu soċjali effettiv. Ittejjeb il-qafas regolatorju u l-kompetizzjoni fis-servizzi billi tevita interventi amministrattivi selettivi u arbitrari u l-użu ta' leġiżlazzjoni mfassla apposta li tipprovdi vantaġġ jew żvantaġġ mhux dovut lil kumpaniji speċifiċi, billi tapplika l-iskrutinju tal-kompetizzjoni b'mod sistematiku għat-tranżazzjonijiet kummerċjali u billi tnaqqas l-użu ta' miżuri ta' emerġenza għal dawk li huma strettament meħtieġa, f'konformità mal-prinċipji tas-suq uniku u tal-istat tad-dritt.

4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi rinnovabbli, inkluż l-enerġija mir-riħ, il-bijometan ġeotermali u sostenibbli, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi filwaqt li twettaq valutazzjonijiet regolari tal-impatt ambjentali u billi toħloq ambjent regolatorju prevedibbli u ta' appoġġ. Tneħħi gradwalment is-sussidji għal fjuwils fossili. Tirriforma r-regoli dwar l-ibbilanċjar tas-suq tal-enerġija u l-iffissar tat-tariffi biex tippermetti l-irkupru tal-kostijiet u l-aħjar użu tal-grilja. Fejn meħtieġ, taġġorna l-infrastruttura tal-elettriku, inklużi l-kapaċitajiet tal-grilja u tal-ħżin. Tiddiversifika l-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili sabiex tnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq ir-Russja, inkluż billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, inkluż fejn meħtieġ fuq l-infrastruttura. Ittejjeb l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari fil-bini u tkompli bl-isforzi biex tnaqqas il-konsum globali tal-gass. Taġġusta s-sistema attwali ta' prezzijiet regolati tal-enerġija sabiex thegħeġ l-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tipprovdi appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
